# FREDU AZZOPARDI
# WISTIN CAMILLERI

## Il-Protagonisti tal-istatwa u l-kolonna tas-Sagra Familja

**kitba ta' Melvin Calleja**

### Fredu Azzopardi (1881-1949)

Fredu twieled il-Belt, ġej minn familja ta' l-arġentiera, iżda hu għażel li jitgħallem l-iskultura fl-injam, ġebel u pasta fl-iskola ta' l-arti li fetħet fil-Belt fl-1894 taħt is-surmast Vincenzo Cardona, skultur Taljan.

Meta żżeweġ mar joqgħod l-Imsida, fejn qatta' ħajtu f'xogħol iebes tal-arti, minħabba li kien żmien ta' ftit xogħol. Waqt li kien qiegħed jaħdem fit-teatru Orfeo il-Gżira fuq id-dekorazzjoni bil-pasta, Fredu waqa' mil-armar għoli tlett sulari waqt li kien qed jaħdem l-ornat ta' fuq il-palk. Fredu qal li kien miraklu ta' San Ġużepp li baqa' ħaj u ma ġralu xejn, aktarx minħabba li ġie fuq manzell ġir u ramel. Meta ġara dan l-incident Fredu kellu madwar 50 sena iżda ħareġ jiġri qisu ġurdien miksi bit-trab u l-ġir. Fredu kien devot kbir ta' San Ġużepp u kien jaħdem ħafna drabi bla ħlas l-armar għat-triqat tal-festa tal-qaddis ġo l-Imsida.




*Skultura magħmula minn Fredu Azzopardi f'xelter ġo l-Imsida waqt li kien jistkenn matul il-gwerra.*

Wieħed mix-xogħlijiet tiegħu hi l-kuruna li tintrama fuq il-mant ta' l-istatwa tal-qaddis fil-Knisja ta' l-Imsida u anke l-iskultura fil-ġebel. Hu ħadem fid-dekorazzjoni tad-Dragunara, fil-Palazz taċ-Ċisk in-Naxxar, iżda l-aħjar xogħol li għamel kien ritratt bassoriliev ta' Lord Kitcher fl-injam. Fredu kien jinqala' għar-ritratti. Fit-teatru Orfeo għandu l-bust maħdum fil-pasta li juru mużiċisti Maltin. Kienet biċċa xogħol kbira għax ħadimhom minn ritratti antiki żgħar qodma u ta' valur patrijottiku u storiku. Dawn ħaqqhom jiġu mħarsa tajjeb bħala monument, li daħal għalih Fredu Azzopardi, xogħol iebes, li għamlu b' imħabba għal arti u l-istorja aktar milli bil-ħila ta' idejh.

Għall-Kalkara, fl-1921, Fredu kien ħadem l-ewwel Sagra Familja fil-kartapesta, iżda din ma kienetx ingħoġbot. Għalhekk is-sena ta' wara huwa ħadem l-iskultura fl-injam tal-kolonna tal-istess statwa, fosthom il-panewijiet li juru mumenti mill-ħajja ta' San Ġużepp.

### Wistin Camilleri (1885-1979)

Wistin Camilleri kien skultur Għawdxi li għamel il-biċċa l-kbira ta' ħajtu jaħdem f'Għawdex, iżda qatta' żmien twil f'Malta sakemm tgħallem jidisinja taħt il-pitturi Ġużè Calì fil-Belt Valletta u Lazzru Pisani ġewwa l-Kottonera. Hu ukoll tgħallem kif isiru l-istatwi tal-kartapesta min Karlu Darmanin u Ċensu Cremona li f'dawk iż- żminijiet kienu l-aqwa statwarji ġo pajjiżna. Id-divertiment tiegħu sa min ċkunitu kien li jdur il-knejjes ta' Malta, jara xogħolijiet li saru fil-bini, fl-iskultura u fil-pitturi minn żmien għal żmien.

Wistin kien ħaddiem inteliġenti ħafna, ħabrieki u ma jaqta' qalbu minn xejn. Xi drabi kien ukoll prużuntuż, dan narawh meta xi drabi kien saħansitra jindaħal biex jirrestawra xi kwadri antiki li f' dan il-qasam ma kien jifhem xejn. Iżda jekk f' dan il-qasam ma kienx jifhem ma jistax

*(ikompli f'paġna 118)*



*Wistin Camilleri*

Kif intemmet din il-parti tal-inawgurazzjoni tal-website li ntlaqgħet b'applaws kbir, tkompla l-programm mużikali. Fit-tieni parti ta' dan il-programm indaqqu dawn il-bċejjeċ mużikali:

| | |
|---|---|
| Memory from Cats | A. Lloyd Weber |
| Granada | A. Gustin Lara |
| Without Love | T. Jones |
| Hard to Say I'm Sorry | D. Foster |
| Tarantella Festival | G. B. De Curtis |
| In the Mood | J. Garland |
| Tico Tico | N. Iwai |
| I Will Survive | F. Perreri |
| Bohemian Rhapsody | F. Mercury |

L-udjenza preżenti dehret li apprezzat ħafna dan il-kunċert, mhux biss minħabba l-preżenza qawwija, iżda wkoll mill-kummenti pożittivi li kien hemm hekk kif spiċċa l-kunċert.

Dan il-programm kien ukoll imtella' mill-Kummissjoni Banda li fil-fehma tagħha jidher li eżekuzzjoni wara l-oħra l-*brass band* qegħda dejjem tissoda.

F'dan iż-żewġ programmi jkun hemm ħafna preparamenti minn qabel u ta' dan nirringrazzjaw lil kull min jagħti sehmu. Fil-fatt id-diskussjonijiet mal-management tal-lukandi jkunu saru minn ħafna żmien qabel.

Il-Bord Editorjali jieħu ħsieb li jippubblika fuljett għall-okkażjoni sabiex wieħed ikun jista' jsegwi aħjar il-mużika li tkun qed tindaqq.

Sabiex dawn il-programmi jirnexxu hemm bżonn ukoll ħafna finanzi u fondi. Dawn jiġu permezz ta' sponsors li minn hawn nirringrazzjawhom, u wkoll



*L-udjenza preżenti waqt it-tieni parti tal-kunċert li s-Sagra Familja Brass Band tellgħet ġewwa s-Sol Suncrest, il-Qawra.*

permezz tal-ħidma bla waqfien tal-Kummissjoni Banda. Kieku ma jkunx għal dan il-volontarjat diffiċli biex jiġu mtella' programmi ta' dan il-livell.

Fl-aħħar tajjeb li wieħed ifaħħar ukoll lill-bandisti li jattendu ta' spiss għall-kunċerti li jsiru fis-Sala Ċentinarja tal-każin tagħna sabiex jipperfezzjonaw id-daqq tagħhom.

Ma nkunx qiegħed niftaħar jekk ngħid li għal raħal żgħir bħal tagħna l-*brass band* hija unur u sodisfazzjon li dejjem qed jikber matul iż-żmien.

Bir-ritmu li qbadna f'dan ir-rigward naslu biex inkomplu naraw iżjed kunċerti u programmi ta' dawn ix-xorta f'diversi swali madwar Malta. Grazzi lilkom kollha li attendejtu u nħeġġukom biex tkomplu tattendu għal kull eżekuzzjoni ta' din il-*brass band* ewlenija. Għalhekk inħeġġukom biex nhar it-Tlieta 6 ta' Lulju tingħaqdu magħna wkoll fil-kunċert li ser jittella' fi Pjazza Sagra Familja.

---

*(ikompli minn paġna 113)*
jingħad l-istess għall-qasam ta' l-iskultura fil-kartapesta. Camilleri ħadem mijiet ta' statwi f' Malta u kemm f' Għawdex. L-aħjar opri tiegħu jidhru fil-kurċifissi ta' daqs naturali li kien jaħdem. Tista' tgħid li kważi f'kull dar jew qasam tas-soċjeta tal-Mużew hemm kurċifiss li nħadem minn Camilleri. L-istatwi tiegħu jingħarfu ħafna mill-uċuħ tagħhom għax kellhom karattru speċjali.

Wistin kien baqa' bla tfal mill-ewwel żwieġ li kellu, iżda fit-tieni żwieġ kellu tliet itfal li minnhom ħarġu tliett artisti tista' tgħid aqwa minn missierhom. Huma jġibu kunjom ommhom ma dak ta' missierhom u jissejħu Camilleri Cauchi. Dawn huma Fredu u Michael li huma statwarji kif ukoll Pawlu li hu wieħed mill-aqwa pitturi li hawn ġo pajjiżna.

Wistin Camilleri kien bniedem twil u b' saħħtu ħafna, għalhekk kien kapaċi jaħdem ukoll statwi fil-ġebel u fis-siment. Dan narawh fl-istatwi li għamel, fosthom dik ta' Kristu Salvatur fuq il-quċċata ta' l-għolja li tħares fuq il-port ta' Marsalforn. Hu gie mogħti l-midalja *Pro Ecclesia et Pontefice* u xi unuri oħra għall-ħafna xogħol li ħadem fil-knejjes.

Fl-1921 ġie mqabbad minn Circolo San Giuseppe biex jaħdem l-istatwa titulari ta' San Ġużepp li ħarġitlu sabiħa ferm tant li rebaħ xi unuri internazzjonali biha. Iktar tard ħadem ukoll statwa tas-Sagra Familja. Sfortunatament dawn iż-żewġ opri ġew meqruda bil-gwerra. Iżda fl-1945 ħadem l-istatwa preżenti tas-Sagra Familja li ċertament turi l-kapaċitajiet kollha ta' dan l-artist, hekk kif juri r-ritorn lura mill-Eġittu.